

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Tariffi Tal-qorti Dwar Il-proċedura Tal-ħlas Ewropea](#) > [Spain](#)

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Spanja



Spanja

[Introduzzjoni](#)

[X'tariffi japplikaw?](#)

[Kemm ikolli nħallas?](#)

[X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi ġudizzjarji fil-ħin?](#)

[Kif nista' nħallas?](#)

[Xi rrid nagħmel wara li nħallas?](#)

Introduzzjoni

It-tariffa tal-qorti f'kawżi ċivili, li jinkludu l-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea, hija taxxa Statali li titħallas mal-ftuħ ta' proċediment wara l-preżentata minn parti. It-tariffa hija rregolata [mil-Liġi 10/2012 tal-20 ta' Novembru 2012](#) li tikkonċerna ċerti tariffi fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-Istitut Nazzjonali tat-Tossikoloġija u x-Xjenza Forensika (*Ley 10/2012, de 20 de noviembre, por la que se regulan determinadas tasas en el ámbito de la Administración de Justicia y del Instituto Nacional de Toxicología y Ciencias Forenses*), emendata b'[Digriet Liġi Rjali 3/2013 tat-22 ta' Frar 2013](#) u bl-[Ordni HAP/2662/2012 tat-13 ta' Diċembru 2012](#) (emendata bl-[Ordni HAP/490/2013 tas-27 ta' Marzu 2013](#)).

Hija rregolata wkoll mid-[Digriet Liġi Rjali 1/2015 tas-27 ta' Frar 2015](#) dwar il-mekkaniżmi tat-tieni opportunità, it-tnaqqis tal-piż finanzjarju u miżuri oħrajn tas-sigurtà soċjali (*Real Decreto Ley 1/2015 de 27 de febrero, de mecanismos de segunda oportunidad, reducción de carga financiera y otras medidas de orden social*) li emenda ulterjorment il-Liġi 10/2012 imsemmija fuq.

It-tariffa għandha titħallas permezz tal-[Aġenzija tat-Taxxi \(Agencia Tributaria\)](#) b'[formola li titniżżel onlajn](#) li trid timtela kif ġej ([aġħfas hawn](#)) jew permezz ta' applikazzjoni li tiġi ġġenerata ladarba tiddaħħal id-dejta ([aġħfas hawn](#)) u li tippermetti [l-ħlas onlajn](#) (bħalissa din il-possibbiltà hija miftuħa biss għal impriżi kbar).

Il-ħlas għandu jsir wara li tiġi ppreżentata l-formola ta' applikazzjoni A. Il-ħlas jista' jsir mir-rappreżentant legali jew l-avukat f'isem il-persuna taxxabbli, b'mod partikolari jekk din ma tkunx residenti Spanja. Persuna mhux residenti ma hemmx għalfejn tikseb numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa qabel l-awtovalutazzjoni. Ir-rappreżentant legali jew l-avukat ma għandux obbligazzjoni ta' taxxa għal dan il-ħlas.

X'tariffi japplikaw?

Fil-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea, il-persuna li tinstiga l-attività ġudizzjarja li tipproduċi fatt taxxabbli tkun responsabbli għall-ħlas tat-tariffa, jiġifieri il-persuna li tippreżenta talba jew kontrolta permezz tal-Formola A, meta t-talba tkun ibbażata fuq dokument li jikkostitwixxi strument eżekutorju ekstraġudizzjarju skont [l-Artikolu 517 tal-Liġi 1/2000 tas-7 ta' Jannar 2000](#) [dwar il-proċedura ċivili](#) (*Ley 1/2000, de 7 de enero, de Enjuiciamiento Civil*) u li tkun taqbeż l-EUR 2 000. Jekk ikun strument proċedurali eżekutorju, ikun eżenti mill-ħlas. Bl-istess

mod, il-persuni fiżiċi u l-entitajiet ġuridiċi kollha li jkunu intitolati għall-għajjnuna legali huma eżentati sakemm ikunu jistgħu juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għajjnuna legali stipulati fil-leġiżlazzjoni applikabbli.

Kemm ikolli nħallas?

Fil-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea, għandu jitħallas ammont fiss ta' EUR 100 flimkien ma' ammont varjabbli li jiddependi mill-ammont pretiż u li jinkiseb bl-applikazzjoni tar-rata applikabbli mal-bażi tat-taxxa skont it-tabella li ġejja:

Bażi tat-taxxa	Persuna taxxabbli	Rata tat-taxxa	Ammont varjabbli massimu tar-rata
Minn €0 sa €1 000 000	Entità ġuridika	0,50 %	
Minn €1 000 000	Entità ġuridika	0,25 %	€10 000

L-ammont taxxabbli huwa l-ammont tal-proċedura ġudizzjarja. Għall-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea, l-ammont tal-proċedura ġudizzjarja huwa l-ammont tat-talba prinċipali flimkien mal-imgħax u l-penali kuntrattwali.

Għal proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea ta' EUR 9 000 li tinvolvi entità ġuridika, it-tariffa tkun EUR 100 + EUR 9 000 x 0,50 % = EUR 145.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi ġudizzjarji fil-ħin?

Jekk ma tiġix ipprovduta prova tal-ħlas mill-bidu nett, l-avukat tal-ġudikatura (*Letrado de la Administración de Justicia*) jitlob lill-kontribwent jipprovidi dik il-prova u ma jipproċessax il-formola tat-talba qabel ma jirċeviha. In-nuqqas mill-preżentazzjoni tal-prova tal-ħlas ma jipprevjenix l-applikazzjoni tal-limiti taż-żmien stipulati fil-leġiżlazzjoni proċedurali, jiġifieri jekk il-ħlas jibqa' ma jsirx wara t-talba mill-avukat, l-att proċedurali ma jitħallix jipproċedi u l-proċedimenti jtkomplew jew jingħalqu, skont kif ikun applikabbli.

Kif nista' nħallas?

Il-ħlas irid isir permezz tal-proċedura ta' awtovalutazzjoni qabel il-preżentata tal-att proċedurali mill-parti rilevanti. Il-ħlas għandu jsir permezz tal-[formola uffiċjali 696](#) għall-awtovalutazzjoni tat-tariffa għall-eżerċizzju tas-setgħa ġudizzjarja, li trid timtela kif ġej ([agħfas hawn](#)), jew permezz ta' applikazzjoni li tiġi ġġenerata ladarba tiddaħħal id-dejta ([agħfas hawn](#)). Il-ħlas jista' jsir personalment f'kull waħda mill-[aġenziji għall-ħlas](#). Il-formola hija [bl-Ispanjol](#) jew [bl-Ingliż](#).

Għalissa, il-ħlas onlajn jista' jsir biss minn impriżi kbar, permezz ta' trasferiment bankarju, karta ta' kreditu, ħlas mill-kont bankarju, eċċ., peress li l-leġiżlazzjoni dwar it-tariffi ġiet emendata reċentement u għad ma hemmx soluzzjoni teknika fis-seħħ.

It-tariffi tal-qorti huma inklużi fl-għajjnuna legali, li hija rregolata fil-[Liġi 1/1996 tal-10 ta' Jannar 1996 dwar l-għajjnuna legali](#) (*Ley 1/1996, de 10 de enero, de asistencia jurídica gratuita*), partikolarment fl-Artikoli 1-8 u 46-51.

L-informazzjoni rilevanti tinstab fis-sit

<https://www.abogacia.es/servicios/ciudadanos/servicios-de-orientacion-juridica-gratuita>, fejn tista' tapplika għall-għajjnuna legali. Agħżel il-Kamra tal-Avukati (*Colegio de Abogados*) li tinsab fil-post fejn hemm il-qorti li tittratta l-kwistjoni.

Xi rrid nagħmel wara li nħallas?

Il-Formola A trid tkun akkumpanjata bi prova tal-ħlas tat-tariffa skont il-formola uffiċjali (fuq karta jew elettronika), invalidata kif suppost.

Għalissa għadu mhux possibbli fi Spanja li tibgħat formoli tal-ordni ta' ħlas Ewropea elettronikament. Prova ta' ħlas (sew jekk fuq karta u sew jekk elettronika) għandha tintbagħat fuq karta flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa l-oħra.

Ladarba jkun hemm il-possibbiltà ta' preżentata elettronika, ikun hemm tnaqqis ta' 10 % tat-tariffa meta tintuża din il-possibbiltà. Il-liġi tistipula rimborż ta' 60 % tat-tariffa fil-każ ta' ftehim jew aċċettazzjoni tat-talba li ttemm

■ L-aħħar aġġornament: 17/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.